# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**
**ONOR. IMĦALLEF IAN SPITERI BAILEY**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1109/23/1 DC**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekutiv numru 1575/2023 fl-ismijiet:

**Jurgen Eisenbarth debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv.Sarah Sultana**
**v.**

**Mr Green Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-eżekutant Jurgen Eisenbarth minn provvediment tas-26 ta' Ottubru, 2023 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba tal-eżekutata Mr Green Limited li permezz tiegħu u għar-

raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-talba tal-eżekutata sabiex tħassar il-mandat eżekuttiv fuq imsemmi.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti rilevanti fil-qosor huma s-segwenti.

3. Permezz ta' rikors intavolat fid-19 ta' Ġunju, 2023 **l-appellant Jurgen Eisenbarth rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Av. Dr. Sarah Sultana [l-Appellant],** talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra **s-soċjetà appellata Mr Green Limited [l-Appellata jew is-Soċjetà Appellata]** fejn bħala titolu eżekuttiv invoka sentenza mogħtija minn qorti ġewwa l-Awstrija fis-26 ta' Lulju 2022. Mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-appellant annetta kopji awtentikati tas-sentenza msemmija kif ukoll ic-Ċertifikat Annex 1 maħruġ mill-Qorti Awstrijaka *ai termini* tal-Artikolu 53 tar-**Regolament Ewropew numru 1215/2012** (**Brussels I Recast**).

4. Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju, 2023 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv għar-raġunijiet hemm mogħtija fosthom b'applikazzjoni tal-Artikolu 56A tal-Kapitolu 583 promulgat fis-16 ta' Ġunju, 2023 li jipprovdi illi:

> "Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:
>
> (a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:
>
> (i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzital-logħob; u
>
> (ii) (ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji oħra; u
>
> (b) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a).[1]

5. Talba tal-appellant lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tirrikonsidra d-digriet tad-19 ta' Lulju, 2023 ġiet miċħuda b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2023.

6. Fil-<u>21 ta' Awwissu, 2023</u> l-appellant ippreżenta rikors ieħor għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Din id-darba t-talba ġiet milqugħha u b'digriet tat-22 ta' Awwissu, 2023 il-Qorti Ċivili Prim'Awla ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-appellata.

---

[1] Miżjud bl-Att XX1 tal-2023

7. B'rikors tas-27 ta' Settembru, 2023 is-soċjetà appellata talbet lill-Ewwel Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tħassar l-imsemmi att eżekuttiv u dan għas-segwenti raġunijiet:-

i. Illi l-Ewwel Qorti diversament presjeduta kienet diġà preċedentement ċaħdet talba tal-istess appellant kontra l-istess soċjetà appellata għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv identiku msejjes fuq l-istess titolu eżekuttiv u ċjoè s-sentenza tal-Qorti Awstrijaka.

ii. Illi r-rikors tal-appellanta huwa abbuż tal-proċedura ġudizzjarja u forma ta' *forum shopping*.

iii. Illi l-aġir tal-appellanti jimmina ċ-ċertezza legali peress li issa l-istess Qorti għandha żewġ deċiżżjonijiet li huma konfliġġenti.

iv. Illi qabel ma jresqu talba ġdida għall-ħruġ ta' mandat eżekkuttiv l-appellant kellu jfittex rimedju kontra ċ-ċaħda tal-ewwel mandat.

8. B'digriet tas-6 ta' Ottubru 2023 l-Ewwel Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro parti bi dritt ta' risposta fi żmien sebat ijiem, u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għas-17 ta' Ottubru, 2023.

9. B'risposta tas-16 ta' Ottubru, 2023 l-appellant oppona t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għal diversi raġunijiet fosthom:

- illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv impunjat kien iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 376 (2) tal-Kap. 12 u li ma għandu l-ebda difett fil-forma tiegħu u li nħareġ fit-termini tar-Regolament 1215/2012 b'applikazzjoni ta' Artikolu 825A tal-Kap 12;

- Illi l-mandat impunjat huwa munit bid-dokumentazzjoni kollha b'konferma tat-titolu eżekuttiv vantat mill-appellant inkluż iċ-ċertifikat ta' l-ordni ta' infurzar *ai termini* ta' l-Artikolu 53 tar-Regolamenti Ewropew numru 1215/2012;

- Illi kien hemm rikorsi oħra għall-ħruġ ta' mandati eżekutivi fuq mertu simili li wkoll ġew akkordati;

- Illi l-appellant iqis illi ċ-ċaħda tar-rikors preċedenti tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kienet vizzjata għaliex ħolqot anomalija peress li filwaqt li l-appellant għandu titolu eżekuttiv in forza tar-regolament Ewropew huwa spiċċa bit-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud.

- Illi l-liġi Ewropea senjatament Regolament EU nru. 1215/2012 li bis-saħħa tiegħu ntalab il-ħruġ tal-mandati eżekuttivi hija liġi suprema għal-liġijiet nazzjonali ta' kull stat membru u għaldaqstant dan il-prinċipju ta' supremazija jfisser illi jekk liġi nazzjonali bħal Artikolu 56A tal-Kap. 583 tmur kontra l-liġi Ewropea, hija l-liġi Ewropea li għandha tapplika u mhux dik nazzjonali. Iqis l-appellant illi fejn liġi nazzjonali tmur kontra liġi Ewropea, il-Qrati għandhom jiskartaw tali liġi nazzjonali.

- Illi kien għalhekk li l-appellant kellu jagħmel talba oħra mill-ġdid għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

- Ili ma hemm xejn fil-liġi proċedurali illi jipprojbixxi li talba' għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv li tiġi miċħuda terġa tiġi riproposta.

- Illi skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, fejn liġi nazzjonali tmur kontra liġi Ewropea, il-qrati nazzjonali għandhom jiskartaw il-liġi nazzjonali;

- Illi l-Att XXI tal-2023, li fis-16 ta' Ġunju, 2023 daħħal Artikolu 56A fil-Kap. 583 (l-Att dwar il-Logħob), jmur kontra l-liġi Ewropea meta jistabbilixxi illi l-*gaming* huwa kwistjoni ta' strateġija pubblika u li

jistultifika d-dritt awtomatiku tal-appellant li jenforza hawn Malta titolu eżekuttiv ottenut fi Stat Membru ieħor.

- Illi għalhekk il-Qorti għandha tikkonsidra Artikolu 56A tal-Kap. 583 bħala bla effett.

10. Fis-seduta tas-<u>17 ta' Ottubru, 2023</u> l-Ewwel Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet ir-rikors għad-digriet finali għas-26 ta' Ottubru,2023.

11. Id-digriet finali tal-<u>Ewwel Qorti</u> kien jaqra kif ġej:

> "Il-Qorti
>
> Rat ir-rikors tas-soċjeta Mr Green Limited, preżentat nhar is-27 ta' Settembru 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:
>
>> Għal dawn ir-raġunijiet, ... s-soċjeta sekwestrata titlob lil din l-Onorabbli Qorti, joġġħobha:
>>
>>> 1. Tordna proviżorjament illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1575/2023 bil-konsegwenza li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jiġi deċiż r-rikors odjern, u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;
>>>
>>> 2. Tordna contario imperio, ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tħassir għal kollox tal-att eżekuttiv odjern ossia l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1575/2023 f'l-ismijiet Jurgen Eisenbarth [passaport Awstrijakk Numru U2564704] debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana v Mr Green Limited (C43260) u l-ħruġ tal-kontromandati u notifíki opportuni skond i-liġi.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-eżekutant nomine.

Rat id-digriet mgħoti fis-6 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema ġiet milqugħa l-ewwel talba u ġiet ordnata n-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien sebgħat ijiem għar-risposta; permezz ta'l-istess degriet ir-rikors odjern ġie appuntat għassmigħ għal nhar is-17 ta' Ottubru 2023.

Rat ir-risposta l-Avukat Dr Sarah Sultana nomine preżentata fis-16 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema opponiet it-talbiet tas-soċjeta rikorrenti. Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok għar-rikors odjern in suċċint huma s-segwenti:

• Permezz ta' sentenzi (ta'l-ewwel istanza nhar is-26 ta' Lulju 2022 u tat-tieni istanza nhar l-20 ta' Lulju 2022) mgħotija mill-qorti f'l-Awstrija, is-soċjeta Mr Green Limited ġiet ikkundannata tħallas lil Jurgen Eisenbarth is-somma ta' €18,795.00.

• Is-sekwestranti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fid-19 ta' Ġunju 2023 iżda it-talba ġiet miċħuda permezz ta' degriet datat 19 ta' Lulju 2023; saret talba għar-rikonsiderazzjoni tat-talba iżda b'degriet ieħor datat 26 ta' Lulju 2023 din it-tieni talba ġiet miċħuda ukoll b'mod li l-mandat mitlub ma nħariġx.

• Is-sekwestranti reġgħet għamlet talba oħra għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta, mingħajr ma infurmat lill-qorti bit-talba preċedenti li kienet ġiet miċħuda; it-talba intlaqgħet u l-mandat inħareġ fit-22 ta' Awwissu 2023.

• Is-soċjeta sekwestrata ippreżentat ir-rikors odjern permezz ta' liema qed titlob it-thassir tal-mandat maħruġ fit-22 ta' Awwissu 2023.

Illi r-rikorrenti odjerna (is-sekwestrata) tikkontendi li d-deċiżjoni permezz ta' liema l-ewwel talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet miċħuda hija waħda finali u fin-nuqqas ta' ċirkostanzi ġodda ma tistax terġa ssir talba għall-ħruġ ta' mandat. Ir-rikorrenti odjerna tallega ukoll li s-sekwestranti aġġixxiet b'mod żleali u abbużiv meta fit-tieni talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat ma infurmatx lill-qorti bit-talba preċedenti tagħha li ġiet miċħuda.

Illi l-intimata odjerna (is-sekwetranti) da parti tagħha, fil-waqt li tispjega f'ċertu dettal għaliex fil-fehma tagħha il-Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel talba għall-hruġ tal-mandat u ħolqot inċertezza kbira bid-deċiżjoni tagħha, tissottometti li d-degriet tad-19 ta' Lulju 2023 (u dak tas-26 ta' Lulju 2023) ma joħolqx ġudikat u la darba, dejjem fil-fehma ta'l-intimata, fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda

dispożizzjoni li tipprjobixxi ir-riproponiment ta' talba għal ħruġ ta' mandat eżekuttiv, ir-riproponiment da parti tagħha tat-talba għall-ħruġ ta' mandat mhiex abbużiva. L-intimata tallega ukoll li rinfaċċjata bid-degrieti tad-19 ta' Lulju 2023 u tas-26 ta' Lulju 2023 m'għandha l-ebda rimedju ieħor permezz ta' liema tista' tottjeni l-ezekuzzjoni tat-titolu tagħha ghajr għar-riproponiment tat-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Ikkunsidrat

Illi dan premess għandu jiġi rilevat li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti fil-proċeduri odjerni li tissindika il-validita o meno tad-degrieti mgħotija u permezz ta' liema ġiet miċħuda l-ewwel talba ta'l-intimata sekwestranti għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv; dik hija kwistjoni li għandha tiġi trattata f'sede oħra.

Illi dak li tista' u għanda tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk l-intimata sekwestranti setgħetx titlob, għat-tieni darba u mingħajr ebda bdil fiċ-ċirkostanzi, il-ħruġ ta' mandat eżekuttiv wara li talba identika ġiet miċħuda.

Illi l-argumenti imressqa fir-rigward mill-partijiet gia ġew trattati quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta f'każijiet identiċi għal dak odjern.

Illi fid-degriet mgħoti nhar il-11 ta' Ottubru 2023 f'każ minn dawn u cioe f'l-atti tar-rikors f'l-ismijiet Ibrahim Sistek debitament rappreżentat millmandatarja speċjali tiegħu l-Avukat Dr Sarah Sultana vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd1 , wara li saret referenza għal degrieti oħra mgħotija f'dan ir-rigward, intqal hekk:

-omissisi-

Illi anke fil-każ in eżami l-ewwel talba għall-ħruġ ta' mandat ġiet miċħuda għal raġunijiet sostantivi, konsegwentment l-intimata sekwestranti kellha tirrikorri għal rimedji oħra u mhux terġa tipproponi t-talba tagħha għal ħruġ ta' mandat mingħajr ma titlob it-tħassir tad-degriet li hi qed tikkontesta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1575/2023 f'l-ismijiet Jurgen Eisenbarth [passaport Awstrijakk Numru U2564704] debitament rappreżentat millmandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana v Mr Green Limited (C43260) u konsegwentement tordna l-ħruġ tal-kontromandat relattiv, dan mingħajr preġudizzju għal kull jedd spettanti lill-intimata nomine skond il-liġi.

Bl-ispejjeż ikunu a karigu ta' Jurgen Eisenbarth jew ta' l-Avv Dr Sarah Sultana ai termini ta'l-artikolu 1005 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta".

12. B'rikors tal-appell intavolat fl-1 ta' Novembru 2023 l-appellant, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitlob lil din il-Qorti, "tirrevoka u tħassar d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-26 ta' Ottubru 2023 mogħti fir-rikors numru 1109/2023 fl-ismijiet premessi li bih irrevokat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1575/2023, billi tiddikjara illi ma jissussistux ir-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1575/2023 u konsegwentement tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat tas-soċjetà appellata…."

13. Fl-20 ta' Novembru, 2023 l-appellata ippreżentat risposta għall-appell fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija qed titlob li l-appell għandu jkun miċħud.

14. Fl-14 ta' Novembru 2023 l-appellant talab lil din il-Qorti tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talba li ġiet miċħuda b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2024 għar-raġunijiet hemm mogħtija.

15. Fis-smigħ tad-9 ta' Jannar, 2024 ġie trattat l-appell li tħalla għal-lum għas-sentenza.

16. Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**Kunsiderazzjonijiet**.

17. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet illi l-appellant kellu jirrikorri għal rimedji oħra qabel jipproponi mill-ġdid talba għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv, l-Ewwel Qorti ma speċifikatx x'kienu r-rimedji oħra li suppost l-appellant irrikorra għalihom qabel ipproċeda kif ipproċeda. Jgħid illi l-Ewwel Qorti irrevokat il-mandat għal raġunijiet li ma tresqux fir-rikors revoka ppreżentat mill-appellata. Jgħid ukoll illi skond Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12 min iressaq rikors għar-revoka ta' mandat eżekuttiv għandu jressaq is-sottomissjonijiet kollha tiegħu f'dak ir-rikors. Jgħid illi r-rikors revoka kien unikament motivat mill-premessa illi d-digrieti taċ-ċaħda kienu finali u definittivi li kienu jorbtu lill-appellant u jipprekluduh milli jinatvola talba ġdida għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv.

18. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi l-ħtieġa li l-appellant jirrikorri għal rimedju sabiex jiġi mħassar id-digriet taċ-ċaħda ma kenitx l-unika motivazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-digriet appellat fejn jingħad ukoll illi l-ħruġ tal-mandat eżekuttiv wara li talba identika kienet ġiet miċħuda sar b'mod proċeduralment abbużiv u anke sabiex ma jkunx hemm deċiżjonijiet tal-istess Qorti kunfliġġenti.

19. Eżaminat ir-rikors revoka u d-digriet appellat, il-Qorti tqis dan l-aggravju bħala infondat. Id-digriet appellat huwa msejjes fuq il-konsiderazzjonijiet illi (i) is-sekwestrant, rinfaċċjat biċ-ċaħda tat-talba tiegħu, kellu qabel xejn jirrikorri għall-azzjoni sabiex id-digriet taċ-ċaħda jiġi revokat u mhux jipproċedi billi jressaq talba oħra simili bħal dik miċħuda; u (ii) illi l-aġir tas-sekwestrant jikkostitwixxi *forum shopping* fuq l-istess fatti bil-konsegwenza ta' provvedimenti konfliġġenti fuq l-istess talbiet. Dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma akkoljiment tal-premessi fir-rikors revoka b'mod partikolari dawk li jinstabu f'paragrafu 7 u 8 fejn jingħad espressament illi l-appellant mexa b'mod żlejali u abbużiv meta wara li t-talba tiegħu ġiet rifjutata reġa' ressaq talba identika oħra "meta kien konxju li l-eżekuzzjoni tagħhom kienet ġiet miċħuda permezz tad-deċiżjonijiet sopraċitati li għadhom in vigore u għalhekk jitqiesu applikabbli." U li "dan l-aġir ta' *forum shopping* procedurali ħoloq sitwazzjoni anomala fejn illum hemm żewġ deċiżjonijiet tal-istess Qorti in vigore li huma kuntrastanti bir-riżultat li qed jikkawżaw incertezza gudizzjarja u ghelt procedurali b'detriment ghas-socjeta sekwestrata esponenti." Jirriżulta kjarament illi dawn il-kawżali tal-appellata ġew milqugħha mill-Ewwel Qorti fid-digriet appellat.

20. Dwar l-ilment tal-appellant illi l-Ewwel Qorti ma speċifikatx x'kienu r-rimedji li l-appellant kellu jirrikorri għalihom, dan l-aggravju ma jirrendiex

id-digriet appellat difettuż. L-Ewwel Qorti għamlitha ċara fid-digriet appellat li l-appellant kellu jieħu azzjoni sabiex jittenta jottjeni r-revoka tad-digriet taċ-ċaħda. Peress li l-appellant isostni illi rimedju ma kienx hemm din il-Qorti tfakkar illi anke jekk huwa minnu li l-Kap. 12 ma jipprovdiex proċedura *ad hoc* li tirregola kontestazzjoni ta' ċaħda ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv, il-Qorti Ċivili Prim'Awla dejjem għandha kompetenza residwali bis-saħħa tal-**Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jvesti kompetenza residwali fil-Qorti Ċivli sabiex dik il-Qorti "… taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom". Hija ġurisprudenza kostanti u assodata illi fir-rigward tal-Qrati Ċivili " ….. Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jvesti fihom poteri residwali fejn il-liġi ma tipprovdix mezz idoneju u effettiv ta' rimedju" (**Liquigas Malta Limited v. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma et.** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Marzu, 2022; ara wkoll **John sive Gino Cutajar et. v. Alfred Falzon Sant Manduca et.** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Marzu, 2020).

21. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju.

22. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi Ewropea senjatament tar-Regolament UE 1215/2012 meta għamlet tagħha il-pronunzjament ta' Qrati oħra fi

proċeduri identiċi fejn intqal illi r-rimedju li wieħed kellu jirrikorri għalih kien dak taħt Artikolu 36 (2) tar-Regolament 1215/2012. Jgħid l-appellant illi huwa kien qed jeżegwixxi sentenza bis-saħħa tal-Artikolu 39 tar-Regolament Ewropew u mhux jitlob ir-rikonoxximent tas-sentenzi esteri. Jgħid illi Regolament 1215/2012 ma jipprovdiex rimedju sabiex jiġi attakkat digriet ta' ċaħda. Jgħid illi l-unika rimedju li jeżisti fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenzi esteri *ai termini* tar-Regolament EU 1215/2012 huwa disponibbli biss lid-debitur li kontrih tkun saret l-eżekuzzjoni u dan *ai termini* tal-Artikolu 46 tar-Regolament. Jisħaq l-appellant illi ma kellu l-ebda rimedju sabiex jattakka d-digriet taċ-ċaħda.

23. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti fid-digriet appellat tiċċita minn digrieti mogħtija fi proċeduri simili fejn issir referenza għall-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 36 (2) tar-Regolament EU 1215/2012 li jipprovdi azzjoni sabiex il-Qorti tintalab tiddikjara illi ma hemmx raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent. Iżda meta wieħed jeżamina sew id-digriet appellat isib illi effettivament jissemmew żewġ azzjonijiet, waħda sabiex jitħassar id-digriet taċ-ċaħda u l-oħra taħt ir-regolament ewropew, b'għanijiet u finalitajiet differenti minn xulxin. Il-motivazzjoni prinċipali tal-Ewwel Qorti fl-akkoljiment tat-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv kienet illi l-appellant "kellu qabel xejn jibda proċeduri li permezz tagħhom jitlob it-tħassir tad-digriet taċ-ċaħda". Dik mhux proċedura taħt ir-regolament

Ewropew u kif rajna aktar qabel hija disponibbli lill-appellant taħt il-liġi ġenerali tal-proċedura nostrana.

24. Għaldaqstant tiċħad it-tieni aggravju.

25. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jirreferi għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-korrettezza kienet titlob illi qabel ma jitlob il-ħruġ tal-mandat is-sekwestrant kellu jgħarraf lill-Qorti illi ġia kien għamel talba identika li kienet ġiet rigettata, u jgħid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tindika id-dispost tal-liġi li kien jimponi fuqha dak l-obbligu. Jgħid illi l-uniċi rekwiżiti rikjesti taħt piena ta' nullità huma dawk elenkati fl-Artikolu 376 tal-Kap. 12. Jgħid illi huwa ottempera ruħu sew mar-rekwiżkiti *ai termini* tal-Artikolu 376 kif ukoll ma' dawk *ai termini* tal-Artikolu 375 u li għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi.

26. Huwa minnu kif jgħid l-appellant li d-digrieti taċ-ċaħda ma jikkostitwixxux ġudikat. Però huwa daqstant ieħor minnu illi proprju għaliex ma humiex ġudikat huwa miftuħ għall-appellant ir-rimedju illi jattakka d-digrieti taċ-ċaħda u mhux li jittenta jottjeni, kif irnexxielu għall-perijodu qasir, digriet dijametrikament oppost u f'kontradizzjoni ma' digriet ieħor preċedenti dwar l-istess talba msejsa fuq premessi u fatti identiċi.

27. Fi kwalunkwe każ, il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fl-akkoljiment tat-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv kienet illi l-appellant kellu, qabel jitlob mill-ġdid il-ħruġ tal-mandat eżekuttiv, jistitwixxi proċedura *ad hoc* sabiex jottjeni it-tħassir tad-digriet li permezz tiegħu it-talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv ġiet riġettata. Il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar x'qieset li ma kienx korrett fl-aġir tal-appellant saret fl-isfond tal-kunsiderazzjoni primarja illi ma kienx aċċettabbli għall-Qorti li jsiru talbiet identiċi fuq l-istess fatti li jwasslu għall-provvedimenti ġudizzjarji konfliġġenti fuq l-istess talbiet.

28. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward. Bil-maqlub ta' dak sottomess mill-appellant, iċ-ċertezza tad-dritt trid illi għandu sa fejn possibbli jiġu evitati provvedimenti ġudizzjarji fuq l-istess talbiet u fuq l-istess fatti li jkunu konfliġġenti għal xulxin.

29. Issib għalhekk illi t-tielet aggravju ma hux fondat u qed jiġi respint.

30. Permezz tar-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet tagħha digrieti mogħtija fi proċeduri simili fejn saret id-distinzjoni bejn rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud minħabba raġunijiet sostantivi u rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud għal raġunijiet proċedurali. Jgħid illi din id-distinzjoni ma toħroġ mill-ebda liġi.

31. Motivazzjoni ġuridikament solida mhux neċessarjament tinstab miktuba iswed fuq abjad fi provvediment legali speċifiku. Id-distinzjoni msemmija li l-Ewwel Qorti għamlet tagħha għandha l-għeruq tagħha fil-konsiderazzjoni illi jekk rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv ikun ġie miċħud minħabba nuqqasijiet fil-forma, *una volta* dak in-nuqqas huwa adegwatament indirizzat u sanat ma hemmx xkiel li t-talba terġa' tiġi proposta. Dan għaliex f'tali ċirkostanzi ma hemmx ħtieġa li d-digriet taċ-ċaħda preċedenti jiġi revokat qabel wieħed jipproċedi oltre. Mhux l-istess fiċ-ċirkostanzi partikolari marbuta mal-każ odjern. Sakemm għad hemm id-digrieti taċ-ċaħda *in vigore*, huma ta' ostakolu sabiex jintalab digriet li jmur dijametrikament kontra tagħhom. L-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma qalet li ma hemmx triq 'il quddiem. Kienet ċara fid-digriet appellat illi dak li kien meħtieġ kien li l-appellant jieħu dawk il-passi meħtieġa sabiex jottjeni r-revoka tad-digriet taċ-ċaħda.

32. Għaldaqstant din il-Qorti tqis ir-raba' aggravju bħala infondat u għalhekk qed jiġi respint.

33. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti "ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi" meta kkunsidrat validi d-digrieti taċ-ċaħda tad-19 ta' Lulju, 2023 u tas-26 ta' Lulju, 2023. Jgħid illi *una volta* dawk iż-żewġ digrieti huma msejsa fuq Artikolu 56A tal-Kap. 583, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi peress li marret kontra

d-dispost tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12 u kontra r-Regolament UE 1215/2012 għaliex skont l-appellant kellha tinjora dawk iż-żewġ digrieti *una volta* huma msejsa fuq artikolu tal-liġi li skond l-appellant huwa null. Jgħid l-appellant illi l-Ewwel Qorti messa applikat Artikolu 825A tal-Kap 12 li jagħti effett lill-prinċipju tas-supremazija tal-liġi Ewropea u tinjora kompletament id-digrieti taċ-ċaħda u mhux tgħid li ma setgħatx tindaga dwar il-validità tagħhom.

34. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi dawn il-proċeduri huma strettament marbuta mal-Artikolu 281 u d-digrieti kunfliġġenti u mhux rigward is-supremazija tal-liġi Ewropea jew l-applikabilità *o meno* tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583.

35. B'dan l-aggravju l-appellant jsostni illi l-Ewwel Qorti kellha tinjora ż-żewġ digrieti taċ-ċaħda mogħtija minn dik il-Qorti diversament presjeduta għar-raġuni li dawk iż-żewġ digrieti kienu msejsa fuq Artikolu 56A tal-Kap. 583 li skond l-appellant huwa provvediment legali null in kwantu jmur kontra dak provdut fl-Artikolu 825A tal-Kap. 12 u kontra r-Regolament Brussels 1 Recast. Permezz ta' dan il-ħames aggravju l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti ma kelliex tikkonsidra illi bil-ħruġ tal-mandat eżekuttiv mat-tieni tentativ wassal għal provvedimenti kunfliġġenti u dan għaliex skond l-appellant l-Ewwel Qorti kellha tinjora kompletament l-eżistenza tad-digrieti taċ-ċaħda magħmula mill-Ewwel Qorti diversament

presjeduta. Jgħid l-appellant illi d-digrieti taċ-ċaħda huma msejsa fuq Artikolu 56A tal-Kap. 583 li jrid illi il-Qrati Maltin jirrifjutaw li jeżegwixxu sentenzi esteri mogħtija fil-konfront ta' soċjetajiet tal-*gaming* liċenzjati f'Malta u dan skont l-appellant imur kontra Artikolu 825A tal-Kap. 12. li jagħti effett fil-liġi nostrana għall-prinċipju tas-supremazija tal-liġi Ewropea.

36. Fil-fehma ta' din il-Qorti għamlet sew l-Ewwel Qorti li ma injoratx l-eżistenza ta' dawk iż-żewġ digrieti mogħtija fi proċeduri ġudizzjarji bejn l-istess partijiet fuq l-istess pretensjonijiet. L-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma ppronunzjat ruħha dwar jekk tali digrieti kienux annullabbli proprju għaliex dak ma kienx il-mertu tal-atti quddiemha. Kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, Artikolu 825A tal-Kap. 12 bl-ebda mod ma jista' jitqies li jimponi fuq il-Qorti l-obbligu li tinjora digrieti msejsa fuq Artikolu 56A. Għandha raġun l-appellata fis-sottomissjoni tagħha tgħid illi l-proċeduri odjerni huma strettament marbuta mal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u d-digrieti kunfliġġenti u mhux rigward is-supremazija tal-liġi Ewropea jew l-applikabilità tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583 jew il-kunflitt allegat mill-appellant bejn Artikolu 56A tal-Kap. 583 u r-Regolament EU Brussels 1 Recast fid-dawl tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12.

37. Tqis għalhekk dan il-ħames aggravju bħala infondat u għalhekk qed jiġi respint.

38. Fis-<u>sitt aggravju</u> l-appellant jgħid illi fid-digriet appellat l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 281 tal-Kap. 12 b'mod żbaljat u kontra l-ġurisprudenza tagħha stess. Jgħid li l-Ewwel Qorti l-uniku eżerċizzju li kellha tagħmel kien li tara jekk kienx hemm xi nuqqas formali fl-att innifsu billi tagħmel eżami formali tal-att u tara li r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tiegħu *ai termini* ta' l-Artikoli 375 u 376 tal-Kap 12 u ta' l-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament UE 1215/2012 kienu sodisfatti.

39. Jgħid illi t-tieni rikors għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv dawk ir-rekwiżiti kien jissodisfhom tant illi t-talba ġiet milqugħa. Jgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tiċċensura d-digrieti mogħtija fid-19 ta' Lulju 2023 u fis-26 ta' Lulju 2023 u mhux tikkastiga lill-appellant għaliex ipproċedi sabiex jenforza d-drittijiet tiegħu *ai termini* tal-liġi Ewropea li hi suprema. Jgħid illi l-appellata hija fi kwalunkwe każ munita bir-rimedju provdut bl-Artikolu 46 tar-Regolament Ewropew sabiex tottjeni deċiżjoni li s-sentenza tal-Qorti Awtrijaka ma hiex enforzabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija, rimedju li skond l-appellanti huwa ma għandux.

40. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi Artikolu 281 tal-Kap. 12 għandu l-funzjoni illi jwaqqaf atti eżekuttivi abbużivi u tiċċita in sostenn ġurisprudenza fir-rigward.

41. Huwa minnu li Artikolu 281 huwa intiż sabiex jiġi attakkat is-siwi tal-mandat u mhux ukoll l-eżekuzzjoni tiegħu. (Provvediment tal-Prim'Awla datat 20 ta' Ġunju, 2012 fl-atti tal-mandat ta' qbid eżekuttiv nru. 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet **Victor Fenech v. Anthony Fountaine**.). Huwa minnu wkoll illi l-għan li għalih iddaħħal Artikolu 281 fil-Kap. 12 huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Inżamm illi l-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 281 m'għandix tintuża sabiex il-mandat eżekuttiv jigi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju hemm mogħti huwa bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. (provvediment **Edward Pavia v. Michael Sultana** - Prim'Awla - 5 ta' Mejju, 2005).

42. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-mandat eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġiex attakkat għal raġunijiet ta' kontestazzjoni marbuta mal-mertu li bis-saħħa tiegħu inħareġ il-mandat; iżda għal raġunijiet marbuta unikament mal-konsiderazzjoni illi sabiex jiġu evitati provvedimenti ġudizzjarji konfliġġenti, min tiġi miċħuda t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv ma jistax jinjora tali digriet u jipproċedi b'talba oħra identika fuq l-istess fatti. Iżda jeħtieġlu qabel xejn li jieħu azzjoni sabiex jitlob li d-digriet taċ-ċaħda jiġi mħassar.

43. Għal dawn il-motivi l-Qorti tqis illi s-sitt aggravju tal-appellant huwa infondat u għalhekk qed jiġi respint.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Giovanni Grixti<br>Imħallef | Ian Spiteri Bailey<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da